g

# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 50/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**vs**

**Dustin Bugeja**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Dustin Bugeja, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 143392M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tall fill-25 ta' Ottubru, 2013 fis-01:45hrs fil-Marsa u f'dawn il-Gzejjer:

1. Saq vettura tal-marka 'Honda' bin-numru DS08FGD minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta taht dik il-kategorija specifikata biex isuq l-imsemmija vettura.
2. Saq vettura bin-numru DS08FGD minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

3. Ghamel uzu minn vettura bin-numru DS08FGD minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Awtorita' ghat-trasport f'Malta biex tintuza fit-triq.

4. Ghamel uzu minn vettura bin-numru DS09FGD minghajr ma kellha pjanci tan-numri tar-registrazzjoni mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta;

5. Ukoll irrifjuta li jaghti jew ta falz lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel d-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolarijiet ohra;

6. Naqas li jipproduci lil Pulizija l-licenzja tas-sewqan meta gie mitlub u/jew fiz-zmien skont il-ligi.

7. Aktar talli kellu fil-pussess tieghu jew taht ir-responsabilita' tieghu vettura tal-marka 'Honda' bin-numru DS08FGD li ma kinitx giet registrata mal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Frar, 2015 li biha sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal prigunerija ta' erba' [4] xhur.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Dustin Bugeja, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2015, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Frar 2015 fl-ismijiet Pulizija vs Dustin Bugeja ghar-raguni premessa, jew fin-nuqqas tirrevoka l-istess sentenza in kwantu din sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u kkundannatu ghal erba' xhur prigunerija u

konsegwentement tillibera lill-appellant mill-akkuzi kollha migjuba kontrih, kif ukoll minn kull piena u htija skont il-ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami ta' nuqqas ta' smiegh xieraq bazat fuq l-argument li ma thalliex iressaq xhieda in difeza kif ukoll fuq dak dwar l-apprezzament tal-provi;

2. Illi dan l-appell ghamel zmien twil li fih ma sar ebda progress minhabba ragunijiet medici mressqa mill-appellant. Fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2019, izda, l-istess appellant irtira l-aggravji tieghu dwar is-sejbien ta' htija f'dan l-appell u l-appelli l-ohra pendenti kontra tieghu. L-appellant talab li din il-Qorti issa tikkonsidra l-aggravji dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti u l-Avukat Generali qabel ma' dan il-proponiment. It-talba tal-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, izda, hi ghar-revoka tas-sentenza appellata u ma hemm ebda talba sussidjarja dwar il-piena. L-istess Avukat Generali jaqbel ukoll illi l-piena ta' prigunerija effettiva ghandha tinbidel ghal wahda sospiza izda jhalli dan fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti;

3. Dak illi l-appellant qed jitlob llum huwa possibbli bl-emendi fl-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali (Att I. 2018.22) li jaghmel

applikabbli l-artikolu 143 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li fis-subartikolu (4) tieghu jipprovdi li talba ghat-thassir tas-sentenza ghandha titqies li tinkludi talba ghal annullament u tibdil taghha. Ghad illi dan ikun jirrikjedi l-istesura ta' formalita', din il-Qorti tqis illi din il-formalita' hija raggunta la darba hemm il-qbil mal-prosekuzzjoni u dewmien aktar f'dan l-appell certament li ma huwiex deziderat;

4. Ikkonsidrat inoltre, illi ghalkemm ma huwiex normali li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena la darba dik erogata tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik fil-fatt kominata, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz tqis li ghandha takkolji t-talba tal-appellant kif sekondata mill-Avukat Generali. Dan ghaliex il-Qorti inghatat x'tifhem illi l-appellant illum jidher li lest jaccetta r-responsabilita' ta' ghemilu u ma jistax' jibqa' ghaddej bl-attitudini tieghu kontra l-ligijiet tas-sewqan. Jidher ghalhekk illi beda t-triq tar-riforma u dan l-appell irid jittiehed in konsiderazzjoni mal-appelli l-ohra pendenti kontra tieghu fejn l-Avukat Generali qieghed jappoggja piena anqas gravuza ghar-ragunijiet li dwarhom l-istess Avukat Generali u d-difiza jidher li lahqu akkordju li, din il-Qorti opportunement tfakkar li mhix marbuta mieghu la darba mhux formalizzat kif titlob il-Kodici Kriminali;

5. Ghalhekk tiddisponi minn dan l-appell billi tichad it-talba tal-appellant ghar-revoka tas-sentenza appellata izda tirriforma l-istess billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati ta' kull imputazzjoni, thassarha f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal-terminu ta' erba (4) xhur prigunerija effettivi u minflok qed tissospendi dan it-terminu ghal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum fit-termini tal-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9, jigifieri it-terminu ta' erba (4) xhur prigunerija ma jiddekorrix hlief jekk l-

appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tlett snin mil-lum;

6. Il-Qorti ghaddiet biex tispjega lill-appellant fi kliem car l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza;